Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

16505/14
(OR. en)

PRESSE 629
PR CO 65

# EŻITU TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

3353 laqgħa tal-Kunsill

## Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)

Brussell, 4 u 5 ta' Diċembru 2014

Presidenti
**Federica Guidi**
Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku
**Sandro Gozi**
Sottosegretarju tal-Istat għas-Suq Intern
**Stefania Giannini**
Ministru Taljan għall-Edukazzjoni, l-Universitajiet u r-Riċerka

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6715 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

# Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

**Kompetittività industrijali**

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet b'enfasi fuq ir-**rwol tal-SMEs** u fuq it-tħejjijiet għall-istabbiliment ta' pjan direzzjonali li jittratta l-isfidi u l-opportunitajiet tal-industrija Ewropea. L-industrija tat-**turiżmu** kien jistħoqqilha attenzjoni speċjali permezz tal-adozzjoni ta' konklużjonijiet u l-qbil fuq approċċ ġenerali għar-rieżami tad-**Direttiva dwar il-vjaġġi kollox inkluż**.

Wara l-laqgħa, il-Ministru Taljan għall-Iżvilupp Ekonomiku **Federica Guidi** għamlet il-kummenti li ġejjin:

"Fl-aħħar Kunsill Kompetittività taħt il-Presidenza Taljana, ridna niffokaw l-attenzjoni fuq it-tkabbir u l-impjiegi. Ma kienx b'kumbinazzjoni li waqt l-ikla ta' nofsinhar iddiskutejna l-Pjan ta' Investiment ta' Juncker u l-istrumenti għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri biex issaħħu t-tkabbir u l-impjiegi. Irridu nkomplu b'dan l-approċċ, b'impenn u b'konvinzjoni. Nemmnu wkoll li t-tisħiħ tal-governanza tal-Kunsill Kompetittività - kwistjoni li ġiet segwita b'determinazzjoni mill-Presidenza Taljana - jista' jagħti momentum ġdid lil politika industrijali li tibbaża fuq il-wirt tal-UE ta' ħiliet tradizzjonali, filwaqt li jiffoka fuq innovazzjoni, riċerka u kwalità tal-ħajja".

**It-tisħiħ tas-suq intern**

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-prijoritajiet għal aktar tisħiħ tas-suq intern u adotta konklużjonijiet dwar tliet suġġetti ewlenin: l-aġenda għal **regolamentazzjoni intelliġenti**, l-istrateġija għall-**ġestjoni tar-riskji doganali** sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ u l-infurzar tad-**drittijiet tal-proprjetà intellettwali** (IPR).

"Il-Presidenza Taljana ffokat bis-sħiħ dwar il-fatt li s-Suq Uniku jingħata ħajja ġdida, fid-dimensjonijiet kollu tiegħu, peress li għarfet li jeħtieġ impetu qawwi sabiex inkunu nistgħu nikkompetu b'mod effettiv fis-suq globali. Illum, permezz tal-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-**Regolamentazzjoni Intelliġenti**, kien hemm sinjal ċar dwar il-ħtieġa li l-UE tirregola b'mod aktar sempliċi u aktar effettiv, u b'hekk il-leġislazzjoni tal-UE saret tinftiehem aktar u l-użu tagħha sar aktar faċli għaċ-ċittadini u n-negozji tal-UE, u tnaqqas il-piż ġenerali tar-regolamentazzjoni tal-UE fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi. Il-Kunsill indirizza wkoll il-protezzjoni tad-**Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali**, fattur ewlieni għall-ekonomija tagħna. Il-Kunsill huwa impenjat bis-sħiħ fil-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra kull opzjoni possibbli sabiex jiġi indirizzat l-infurzar tal-IPR", qal **Sandro Gozi**, is-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej.

Il-Kunsill ikkonferma wkoll approċċi ġenerali għall-immodernizzar tar-rekwiżiti tas-sigurtà marbutin mat-**tagħmir personali protettiv** u l-**installazzjonijiet ta' rotta b'kablaġġ**.

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

**Riċerka u innovazzjoni - Politika dwar l-Ispazju**

Il-Ministri kellhom dibattitu dwar ir-rwol tax-**xjenza mas-soċjetà u għaliha**. Huma approvaw il-konklużjonijiet dwar tliet suġġetti interrelatati: il-progress fl-implimentazzjoni taż-**Żona Ewropea tar-Riċerka;** ir-riformi, il-kondizzjonijiet u r-riżorsi li ser jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea bl-**innovazzjoni u r-riċerka bħala sorsi ġodda ta' tkabbir** u l-promozzjoni tal-**kooperazzjoni Ewro-Mediterranja** fir-riċerka u l-innovazzjoni.

Wara dibattitu dwar il-**kompetittività tas-settur tal-ispazju**, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-linji gwida għall-politika u dwar l-isfidi għat-tisjis ta' rinaxximent tal-ispazju Ewropew.

**Stefania Gianinni**, il-Ministru Taljan għall-Edukazzjoni, l-Universitajiet u r-Riċerka, għamlet id-dikjarazzjoni li ġejja:

"Sabiex tinżamm u tiżdied il-kompetittività tal-Ewropa fis-suq globali, l-ewwel prijorità hija l-funzjonament taż-Żona Ewropea tar-Riċerka - "is-suq uniku" tat-tielet millennju - fejn ir-riċerkaturi b'talent jistgħu jiżviluppaw programmi konġunti li jinvolvu pajjiżi differenti, ibbażati fuq strateġiji ta' riċerka li finalment ġew allinjati. Eżempju konkret tas-suċċess fl-allinjament tal-istrateġiji nazzjonali huwa s-Settur tal-ispazju, li fuqu ffukat il-Presidenza Taljana. Bil-ħsieb tal-istess għan, ġbidna wkoll l-attenzjoni lejn iż-żona Ewro-Mediterranja b'inizjattiva għal programm konġunt ta' riċerka u innovazzjoni fis-setturi tas-sistemi tal-ikel u tar-riżorsi tal-ilma".

# WERREJ[1]

**PARTEĊIPANTI** ..... Error! Bookmark not defined.

**PUNTI LI ĠEW DISKUSSI**

SUQ INTERN ..... 8

Prijoritajiet għat-tisħiħ tas-suq uniku ..... 8

Aġenda għar-regolamentazzjoni intelliġenti ..... 9

Ġestjoni tar-riskju doganali ..... 9

INDUSTRIJA ..... 10

Kompetittività Industrijali: aġenda għat-tkabbir u l-impjiegi ..... 10

Industrija tat-turiżmu ..... 10

– Kontribut tal-wirt kulturali tal-Ewropa għat-turiżmu ..... 10

– Direttiva dwar il-vjaġġi kollox inkluż ..... 11

Tagħmir personali protettiv: rekwiżiti ġodda tas-sigurtà ..... 11

Installazzjonijiet ta' rotta b'kablaġġ: rekwiżiti ġodda tas-sigurtà ..... 12

RIĊERKA u INNOVAZZJONI ..... 13

Xjenza mas-soċjetà u għaliha ..... 13

Progress lejn il-kisba taż-Żona Ewropea tar-Riċerka ..... 14

Riċerka u innovazzjoni bħala sorsi ta' tkabbir imġedded ..... 15

Kooperazzjoni Ewro-Mediterranja għar-riċerka u l-innovazzjoni ..... 15

POLITIKA DWAR L-ISPAZJU ..... 16

Tisjis tar-rinaxximent tal-ispazju Ewropew ..... 16

Esplorazzjoni tal-ispazju ..... 16

AFFARIJIET OĦRAJN ..... 17

– Pjan ta' investiment għall-Ewropa ..... 17

– Pakkett dwar is-sigurtà tal-prodotti u s-sorveljanza tas-suq ..... 17

– Inizjattiva BlueMed ..... 17

– Programm spazjali Copernicus ..... 18

– Eżitu tal-Kunsill ministerjali tal-Aġenzija Spazjali Ewropea ..... 18

– Programm ta' ħidma tal-Presidenza Latvjana li jmiss ..... 18

## PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

*PROPRJETÀ INTELLETTWALI*

– Infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali ..... 19

*POLITIKA KUMMERĊJALI*

– Arranġamenti kummerċjali preferenzjali - rapport tal-Qorti tal-Awdituri ..... 19

*RIĊERKA*

– UE-Svizzera - Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika ..... 19

*AMBJENT*

– Direttiva dwar il-kwalità tal-karburanti - Metodi ta' kalkolu u rekwiżiti ta' rappurtar ..... 20

*TRASPORT*

– Trasport kummerċjali bit-triq - klassifikazzjoni ta' ksur serju ..... 20

– Ftehim Interbus: trasport internazzjonali ta' passiġġieri ..... 20

*SAJD*

– Effettività tal-appoġġ mill-Fond Ewropew għas-Sajd ..... 21

# PARTEĊIPANTI

| | |
|---|---|
| **Belġju:** | |
| Is-Sur Kris PEETERS | Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Impjiegi, l-Ekonomija u l-Konsumaturi, b'responsabbiltà għall-Kummerċ Estern |
| Is-Sur Olivier BELLE | Viċi Rappreżentant Permanenti |
| **Bulgarija:** | |
| Is-Sur Bojidar LOUKARSKY | Ministru għall-Ekonomija |
| Is-Sur Kostadin KOSTADINOV | Viċi Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza |
| **Repubblika Ċeka:** | |
| Is-Sur Vladimír BÄRTL | Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ |
| Is-Sur Arnošt MARKS | Viċi Ministru għax-Xjenza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni |
| **Danimarka:** | |
| Is-Sur Michael DITHMER | Segretarju tal-Istat, Ministeru għan-Negozju u t-Tkabbir |
| Is-Sur Uffe TOUDAL PEDERSEN | Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Edukazzjoni Għolja u x-Xjenza |
| **Ġermanja:** | |
| Is-Sinjura Johanna WANKA | Ministru Federali għall-Edukazzjoni u r-Riċerka |
| Is-Sur Rainer BAAKE | Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Enerġija |
| Is-Sur Ulrich KELBER | Segretarju Parlamentari tal-Istat għall-Ministru Federali għall-Ġustizzja u l-Protezzjoni tal-Konsumatur |
| **Estonja:** | |
| Is-Sur Clyde KULL | Viċi Rappreżentant Permanenti |
| **Irlanda:** | |
| Is-Sur Richard BRUTON | Ministru għax-Xogħlijiet, l-Intrapriża u l-Innovazzjoni |
| Is-Sur Damien ENGLISH | Ministru tal-Istat fid-Dipartimenti tal-Edukazzjoni u l-Ħiliet u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet, l-Intrapriża u l-Innovazzjoni b'Responsabbiltà Speċjali għall-Ħiliet, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni |
| **Grečja:** | |
| Is-Sur Alexandros DERMETZOPOULOS | Segretarju tal-Istat għall-Edukazzjoni u l-Affarijiet Reliġjuži |
| Is-Sur Christos VASILAKOS | Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Affarijiet Reliġjuži – Segretarju Ġenerali għar-Riċerka u t-Teknoloġija |
| Is-Sur Andreas PAPASTAVROU | Viċi Rappreżentant Permanenti |
| **Spanja:** | |
| Is-Sinjura Carmen VELA OLMO | Segretarju tal-Istat għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni |
| Is-Sinjura Begoña CRISTETO | Segretarju Ġenerali għall-Industrija u l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju |
| Is-Sur José Pascual MARCO MARTINEZ | Viċi Rappreżentant Permanenti |
| **Franza:** | |
| Is-Sur Alexis DUTERTRE | Viċi Rappreżentant Permanenti |
| **Kroazja:** | |
| Is-Sur Roko ANDRIČEVIĆ | Viċi Ministru għax-Xjenza, l-Edukazzjoni u l-Isport |
| Is-Sur Dražen PROS | Viċi Ministru għall-Intraprenditorija u l-Artiġjanat |
| **Italja:** | |
| Is-Sinjura Stefania GIANNINI | Ministru għall-Edukazzjoni, l-Universitajiet u r-Riċerka |
| Is-Sinjura Federica GUIDI | Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku |
| Is-Sur Sandro GOZI | Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| **Ċipru:** | |
| Is-Sinjura Maria HADJITHEODOSIOU | Viċi Rappreżentant Permanenti |
| **Latvja:** | |
| Is-Sinjura Dana REIZNIECE-OZOLA | Ministru għall-Ekonomija |
| Is-Sinjura Mārīte SEILE | Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza |
| **Il-Litwanja:** | |
| Is-Sur Dainius PAVALKIS | Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza |

| | |
|---|---|
| Is-Sur Evaldas GUSTAS | Ministru għall-Ekonomija |
| **Lussemburgu:** | |
| Is-Sur Etienne SCHNEIDER | Viċi Prim Ministru, Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, Ministru għas-Sigurtà Interna, Ministru għad-Difiża |
| Is-Sur Marc HANSEN | Segretarju tal-Istat għall-Edukazzjoni Għolja u r-Riċerka |
| **Ungerija:** | |
| Is-Sur Béla GLATTFELDER | Ministru tal-Istat għar-Regolamentazzjoni Ekonomika, Ministeru għall-Ekonomija Nazzjonali |
| Is-Sur Barna BERKE | Ministru tal-Istat għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Ewropea u Internazzjonali, Ministeru għall-Ġustizzja |
| Is-Sur József PÁLINKAS | Kummissarju tal-Gvern għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni |
| **Malta:** | |
| Is-Sur Neil KERR | Viċi Rappreżentant Permanenti |
| **Olanda:** | |
| Is-Sur Sander DEKKER | Segretarju tal-Istat għall-Edukazzjoni, il-Kultura u x-Xjenza |
| Is-Sur Wepke KINGMA | Viċi Rappreżentant Permanenti |
| **Awstrija:** | |
| Is-Sur Harald MAHRER | Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali għax-Xjenza, ir-Riċerka u l-Ekonomija |
| Is-Sinjura Gregor SCHUSTERSCHITZ | Viċi Rappreżentant Permanenti |
| **Polonja:** | |
| Is-Sinjura Lena KOLARSKA-BOBIŃSKA | Ministru għax-Xjenza u l-Edukazzjoni Għolja |
| Is-Sur Andrzej DYCHA | Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Ekonomija |
| **Portugall:** | |
| Is-Sur António PIRES DE LIMA | Ministru għall-Ekonomija |
| Is-Sur Nuno CRATO | Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza |
| **Rumanija:** | |
| Is-Sur Constantin NIȚĂ | Ministru għall-Ekonomija |
| Is-Sur Tudor PRISECARU | Segretarju tal-Istat fil-Ministeru għall-Edukazzjoni |
| **Slovenja:** | |
| Is-Sur Janko BURGAR | Segretarju tal-Istat fil-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku u t-Teknoloġija |
| Is-Sur Peter MAČEK | Segretarju tal-Istat fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport |
| **Slovakkja:** | |
| Is-Sur Juraj DRAXLER | Ministru għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza, ir-Riċerka u l-Isport |
| Is-Sur Alexander MICOVČIN | Viċi Rappreżentant Permanenti |
| **Finlandja:** | |
| Is-Sur Lauri IHALAINEN | Ministru għax-Xogħol |
| **Svezja:** | |
| Is-Sinjura Helene HELLMARK KNUTSSON | Ministru għall-Edukazzjoni Għolja u r-Riċerka |
| Is-Sur Oscar STENSTRÖM | Segretarju tal-Istat għall-Ministru għall-Intrapriża u l-Innovazzjoni |
| **Renju Unit:** | |
| Is-Sinjura NEVILLE-ROLFE | Sottosegretarju Parlamentari tal-Istat għan-Negozju, l-Innovazzjoni u l-Ħiliet u Ministru għall-Proprjetà Intelletwali |
| Is-Sinjura Shan MORGAN | Viċi Rappreżentant Permanenti |

---

| | |
|---|---|
| **Kummissjoni:** | |
| Is-Sur Jyrki KATAINEN | Viċi President |
| Is-Sinjura Elżbieta BIEŃKOWSKA | Membru |
| Is-Sur Carlos MOEDAS | Membru |

**PUNTI LI ĠEW DISKUSSI**

**SUQ INTERN**

**Prijoritajiet għat-tisħiħ tas-suq uniku**

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-prijoritajiet li ser iwasslu għat-tisħiħ tas-suq intern.

Fost l-azzjonijiet ta' prijorità li għandhom jittieħdu sabiex jiġi żviluppat aktar is-suq uniku u tiżdied l-integrazzjoni ekonomika tal-Ewropa, il-Ministri semmew dawk l-azzjonijiet li għandhom potenzjal b'valur għoli li joħolqu tkabbir, inklużi:

– il-finalizzazzjoni tas-suq uniku f'setturi bħall-enerġija, it-trasport u t-teknoloġiji diġitali, li ser toffri benefiċċji reali, tħeġġeġ sħubiji pubbliċi-privati u tħajjar investiment ġdid;

– l-implimentazzjoni effettiva tad-direttiva dwar is-servizzi;

– l-użu u l-applikazzjoni ulterjuri tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku;

– it-tnaqqis tal-piż regolatorju;

– l-evalwazzjoni bir-reqqa ta' miżuri sabiex jiġu konformi mal-prinċipju "L-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir" bl-għan li jinħoloq ambjent favorevoli għall-SMEs;

– il-faċilitazzjoni tal-kummerċ transkonfinali online; u

– il-promozzjoni tal-akkwist elettroniku.

Id-delegazzjonijiet kollha laqgħu l-impenn tal-Kummissjoni biex tippreżenta strateġija mġedda dwar is-servizzi fl-2015, li ser tinkludi l-identifikazzjoni tal-ostakoli l-aktar importanti għall-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku.

Wara d-dibattitu, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar żewġ aspetti prinċipali għat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern: ir-regolamentazzjoni intelliġenti u l-ġestjoni tar-riskju doganali:

**Aġenda għar-regolamentazzjoni intelliġenti**

Il-konklużjonijiet jittrattaw għadd ta' kwistjonijiet rilevanti li ser jagħtu kontribut biex jiġi żgurat li r-regolamentazzjoni tal-UE tkun trasparenti u sempliċi u tinkiseb bi spejjeż minimi, u wkoll li din tikkontribwixxi sabiex jitrawmu l-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi, filwaqt li tqis il-protezzjoni tal-konsumaturi, is-saħħa, l-ambjent u l-ħaddiema.

Taħt il-programm REFIT għal regolamentazzjoni aħjar, il-Kummissjoni pproponiet għadd ta' inizjattivi ġodda għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet. Dan jinkludi revoki ta' leġislazzjoni eżistenti u l-irtirar ta' proposti pendenti fil-proċedura leġislattiva.

Konklużjonijiet dwar ir-Regolamentazzjoni Intelliġenti

**Ġestjoni tar-riskju doganali**

Fil-konklużjonijiet tiegħu, il-Kunsill approva l-istrateġija tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali. L-istrateġija, li ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni fis-sajf li għadda *(12644/14 + 12644/14 ADD1)*, għandha l-għan li tiffaċilita l-kummerċ u ssaħħaħ is-sigurtà tal-katina tal-provvista. Il-konklużjonijiet jappellaw ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE biex jimplimentaw l-istrateġija kif ukoll l-azzjonijiet ta' prijorità li jinsabu fil-pjan ta' azzjoni tagħha.

Konklużjonijiet dwar l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali

## INDUSTRIJA

### Kompetittività Industrijali: aġenda għat-tkabbir u l-impjiegi

Il-Kunsill kellu dibattitu u adotta konklużjonijiet dwar il-kompetittività industrijali.

Il-konklużjonijiet jiffokaw b'mod partikolari fuq ir-rwol tal-SMEs u t-tħejjijiet għall-istabbiliment ta' pjan direzzjonali li jittratta l-isfidi u l-opportunitajiet li qiegħda tiffaċċja l-industrija Ewropea.

Il-Ministri semgħu wkoll preżentazzjoni tal-ewwel rapport tan-Netwerk tar-Rappreżentanti tal-SMEs, li huwa netwerk tar-rappreżentanti nazzjonali responsabbli għall-promozzjoni tal-interessi tal-SMEs u l-iżgurar li l-prinċipju "L-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir" jiġi integrat fit-tfassil tal-politika u l-proposti regolatorji fil-livell tal-UE, u f'dawk nazzjonali, reġjonali u lokali madwar l-Ewropa kollha.

Konklużjonijiet dwar il-Kompetittività Industrijali

### Industrija tat-turiżmu

– ***Kontribut tal-wirt kulturali tal-Ewropa għat-turiżmu***

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-kontribut tal-wirt kulturali, naturali u marittimu tal-Ewropa għat-tisħiħ tal-attività turistika.

L-importanza tas-sinerġiji bejn it-turiżmu u l-kultura u l-kontribut tagħhom għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi ġiet enfasizzata, fost affarijiet oħrajn, fil-Forum Ewropew dwar it-Turiżmu li ġie organizzat mill-Presidenza f'Napli, l-Italja, fit-30 u l-31 ta' Ottubru. F'dik l-okkażjoni, tfakkret ukoll l-importanza li l-opportunitajiet offruti mid-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni jintużaw aħjar għal finijiet ta' forza tax-xogħol ta' kwalità għolja, mobilità aktar sostenibbli u aktar inklużiva u żamma tal-pożizzjoni tal-Ewropa bħala d-destinazzjoni turistika prinċipali.

Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tat-turiżmu permezz tal-promozzjoni tal-wirt kulturali, naturali u marittimu tal-Ewropa

– ***Direttiva dwar il-vjaġġi kollox inkluż***

Wara dibattitu pubbliku, il-Kunsill laħaq qbil dwar approċċ ġenerali għar-riforma tad-Direttiva dwar il-vjaġġi kollox inkluż.

Il-qbil jippermetti t-tnedija ta' negozjati mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb li r-riforma tiġi konkluża kemm jista' jkun malajr.

Id-direttiva riveduta ser testendi l-protezzjoni attwali tal-vjaġġi kollox inkluż tradizzjonali mħejjija minn qabel għal kombinazzjonijiet ġodda ta' servizzi tal-ivvjaġġar (l-hekk imsejħa "arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti"), speċjalment jekk jinbiegħu online.

Ara wkoll l-istqarrija għall-istampa

**Tagħmir personali protettiv: rekwiżiti ġodda tas-sigurtà**

F'deliberazzjoni pubblika, il-Kunsill ikkonferma qbil dwar approċċ ġenerali għall-aġġornament tar-rekwiżiti tas-sigurtà applikabbli għat-tagħmir personali protettiv li jinbiegħ fis-suq intern (*15735/1/14 REV 1*).

L-approċċ ġenerali jippermetti t-tnedija ta' negozjati mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb li jiġi adottat ir-regolament il-ġdid.

It-tagħmir personali protettiv huwa maħsub biex jipproteġi kontra kull tip ta' periklu (eż. sħana, fjammi, sustanzi kimiċi, partiċelli li jtiru, xokkijiet mekkaniċi, eċċ) li jseħħ f'ambjenti differenti, kemm jekk id-dar, fuq ix-xogħol jew waqt attività sportiva. Xi eżempji jinkludu: protezzjoni għar-ras/il-widnejn/l-għajnejn (elmi, earmuffs, nuċċalijiet), protezzjoni għan-nifs (maskri kontra l-gass u t-trab), protezzjoni għall-ġisem (ilbies li jipprovdi protezzjoni kontra sustanzi kimiċi, ilbies li jintlibes għas-sewqan ta' mutur u ġkieket b'viżibilità għolja), protezzjoni għall-idejn/ir-riġlejn/is-saqajn (ingwanti tal-ġardinaġġ, kuxxinetti għall-irkopptejn, żraben tas-sigurtà) u ġkieket ta' salvataġġ.

Ir-Regolament il-ġdid ser jaġġorna r-regoli attwali skont id-Direttiva 89/686/KEE. Huma japplikaw għal kull oġġett individwali maħsub li jitqiegħed u/jew tqiegħed fis-servizz għall-ewwel darba fis-suq tal-UE. Dawn jistipulaw ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà u jistabbilixxu l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li għandhom jiġu osservati mill-manifatturi. Il-proċeduri jiddependu mill-gravità tar-riskju involut. It-"tikketta CE" titwaħħal fuq prodotti li jkunu konformi ma' dawn ir-rekwiżiti essenzjali u armonizzati tas-saħħa u s-sigurtà.

Ir-regoli l-ġodda huma maħsuba wkoll għat-titjib tas-sorveljanza tas-suq minn awtoritajiet pubbliċi mingħajr ma jiġu imposti piżijiet u spejjeż bla bżonn fuq l-industrija.

**Installazzjonijiet ta' rotta b'kablaġġ: rekwiżiti ġodda tas-sigurtà**

F'deliberazzjoni pubblika, il-Kunsill ikkonferma qbil dwar approċċ ġenerali għall-aġġornament tar-rekwiżiti tas-sigurtà applikabbli għall-installazzjonijiet ta' rotta b'kablaġġ (*15442/2/14 REV 2*).

L-approċċ ġenerali jippermetti t-tnedija ta' negozjati mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb li jiġi adottat ir-regolament il-ġdid.

It-tipi ewlenin ta' installazzjonijiet ta' rotta b'kablaġġ huma funikulari, gondoli tal-ajru, chair lifts li jinqalgħu (detachable chair lifts), chair lifts b'maqbad fiss (fixed-grip chair lifts), linji tat-tramm tal-ajru, funitels, installazzjonijiet ikkombinati (magħmula minn diversi tipi ta' rotot b'kablaġġ, bħal dawk tal-gondoli u ċ-chairlifts) u liftijiet ta' tkaxkir (drag lifts).

Bħalissa, ir-rekwiżiti tagħhom ta' sigurtà, dawk ambjentali u dawk ta' konformità mas-suq jinsabu koperti mid-Direttiva 2000/9/KE. It-trazzjoni b'kablaġġ u l-funzjoni tat-trasport tal-passiġġieri huma l-kriterji prinċipali li jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, li hija applikabbli għal installazzjonijiet mibnija jew imqiegħda fis-servizz mit-3 ta' Mejju 2004 'l quddiem.

Ir-regolament ġdid ser jissostitwixxi d-Direttiva 2000/9/KE sabiex tiġi żgurata aktar konsistenza fil-leġislazzjoni dwar l-armonizzazzjoni tal-UE għal prodotti industrijali.

L-installazzjonijiet ta' rotta b'kablaġġ huma prodotti uniċi adattati għall-kondizzjonijiet lokali u marbuta ma' infrastruttura fissa u makkinarju mobbli. Il-komponenti ta' sigurtà u s-sottosistemi huma soġġetti għar-regoli dwar il-moviment liberu tal-merkanzija u għall-valutazzjoni tal-konformità u għad-Dikjarazzjoni ta' Konformità. Għaldaqstant, l-installazzjonijiet fissi jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Istati Membri u huma soġġetti għal liċenzja għall-kostruzzjoni u għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz li jingħataw mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti.

Ir-regolament ġdid huwa maħsub ukoll għat-titjib tas-sorveljanza tas-suq minn awtoritajiet pubbliċi mingħajr ma jiġu imposti piżijiet u spejjeż bla bżonn fuq l-industrija.

**RIĊERKA u INNOVAZZJONI**

**Xjenza mas-soċjetà u għaliha**

Il-Kunsill kellu dibattitu dwar ir-rwol futur tax-xjenza fis-soċjetà, abbażi ta' dokument tal-Presidenza (*15451/14*).

Il-Ministri esprimew fehmiet dwar kif riċerka responsabbli tistà tiġi promossa u integrata aħjar fl-oqsma kollha tal-politika, kif ukoll dwar il-kondizzjonijiet għall-iżgurar tal-impenn tal-atturi kollha tas-soċjetà fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi ewlenin tas-soċjetà. Huma qasmu esperjenzi, prattiki u proġetti ta' riforma fil-programmi nazzjonali ta' riċerka rispettivi tagħhom.

Huma faħħru wkoll il-prinċipji msemmija fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma, espressi waqt konferenza organizzata mill-Presidenza Taljana mid-19 sal-21 ta' Novembru, dwar ir-relazzjoni bejn ix-xjenza u s-soċjetà.

Ġew elenkati għadd ta' inizjattivi bil-għan li titjieb din ir-relazzjoni, inkluż il-ħtieġa ta' komunikazzjoni aħjar mal-pubbliku u aċċess aħjar għar-riżultati tax-xjenza, u aktar involviment tal-kunċett ta' riċerka responsabbli u etika fis-sistemi edukattivi.

Riċerka u innovazzjoni responsabbli huma proċess għal allinjament aħjar tar-riċerka u l-innovazzjoni mal-valuri, il-ħtiġijiet u l-aspettattivi tas-soċjetà. Huwa jimplika kooperazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet interessati kollha f'diversi aspetti li jinkludu: l-edukazzjoni tax-xjenza, id-definizzjoni tal-aġendi tar-riċerka, l-aċċess għar-riżultati ta' riċerka u l-applikazzjoni ta' għarfien ġdid f'konformità sħiħa mal-konsiderazzjonijiet dwar il-ġeneru u l-etika.

**Progress lejn il-kisba taż-Żona Ewropea tar-Riċerka**

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-progress li kien sar lejn il-kisba taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) u adotta konklużjonijiet.

Il-konklużjonijiet huma bbażati fuq ir-rapport ta' progress tal-2014 dwar iż-ŻER ippubblikat mill-Kummissjoni f'Settembru li għadda *(13197/14)* u fuq l-iskambju ta' fehmiet ministerjali sussegwenti tas-26 ta' Settembru.

L-Istati Membri jagħrfu li hemm bażi solida għall-implimentazzjoni taż-ŻER. Madankollu, ħafna minnhom kienu tal-fehma li l-azzjoni għat-twettiq sħiħ għandha titħaffef.

Il-konklużjonijiet jappoġġaw l-iżvilupp ta' pjan direzzjonali taż-ŻER sa nofs l-2015 f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni. Dan għandu jipprovdi komprensjoni komuni tal-prinċipji taż-ŻER u miżuri konkreti għall-implimentazzjoni tagħhom, flimkien ma' sett ta' għodda u l-aħjar prattiki.

L-iżvilupp taż-ŻER, li għandha l-għan li tikseb suq uniku ġenwin għall-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni, huwa komponent ewlieni tal-istrateġija Ewropa 2020 għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi.

Iż-ŻER mistennija ssaħħaħ l-eċċellenza għar-riċerka fl-Ewropa kollha, u b'hekk iżżid il-kompetittività globali tal-Ewropa u l-kapaċità tagħha li tittratta b'suċċess l-isfidi ewlenin tas-soċjetà.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport ta' Progress tal-2014 dwar iż-żona Ewropea tar-riċerka

**Riċerka u innovazzjoni bħala sorsi ta' tkabbir imġedded**

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-"Riċerka u l-Innovazzjoni bħala sorsi ta' tkabbir imġedded".

Il-konklużjonijiet jindirizzaw il-kwalità, l-effiċjenza u l-effettività tal-infiq pubbliku fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I), kif ukoll l-assi prijoritarji għall-azzjoni u r-riforma f'dan il-qasam.

Huma jibnu fuq il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni maħruġa f'Ġunju 2014 *(10897/14)* u fuq l-iskambju ta' fehmiet ministerjali sussegwenti tas-26 ta' Settembru.

F'dik l-okkażjoni, l-Istati Membri approvaw b'mod ġenerali l-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fil-komunikazzjoni li tikkonċentra fuq tliet assi prijoritarji għar-riforma: (1) il-kwalità tal-proċess tal-iżvilupp ta' strateġiji u l-proċess tat-tfassil ta' politika; (2) il-kwalità tal-programmi, b'konċentrazzjoni fuq ir-riżorsi u l-mekkaniżmi ta' finanzjament; u (3) il-kwalità tal-istituzzjonijiet li jwettqu R&I.

Il-komunikazzjoni tesplora kif jista' jintuża l-potenzjal tar-R&I, bħala l-promoturi tat-tkabbir, sabiex tittejjeb il-kwalità tal-investimenti fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni bħala sorsi ta' tkabbir imġedded

**Kooperazzjoni Ewro-Mediterranja għar-riċerka u l-innovazzjoni**

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar sħubija fir-riċerka u l-innovazzjoni fiż-żona tal-Mediterran.

Il-konklużjonijiet jivvalutaw il-ħidma mwettqa taħt l-inizjattiva "PRIMA" (Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran), bil-għan li tissaħħaħ sħubija mġedda fir-reġjun. Huma jistiednu wkoll lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-parteċipazzjoni tal-Unjoni f'programm konġunt abbażi tal-Artikolu 185 tat-Trattat tal-UE.

L-inizjattiva PRIMA, li s'issa involviet diversi pajjiżi tal-UE u pajjiżi terzi sħab fiż-żona tal-Mediterran, tnediet bil-għan li tinħoloq sħubija strutturata fuq perjodu twil fir-riċerka u l-innovazzjoni. Hija bbażata fuq il-prinċipji ta' koproprjetà u ta' interess reċiproku f'żewġ oqsma speċifiċi: is-sikurezza tal-ikel u l-provvista tal-ilma, bil-għan li tiġi żgurata ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi komuni u tat-tkabbir soċjoekonomiku reġjonali.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sħubija fir-riċerka u l-innovazzjoni fiż-żona tal-Mediterran

**POLITIKA DWAR L-ISPAZJU**

**Tisjis tar-rinaxximent tal-ispazju Ewropew**

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-kompetittività tas-settur Ewropew tal-ispazju bħala xprun ewlieni għall-ekonomija Ewropea abbażi ta' dokument tal-Presidenza u sett ta' mistoqsijiet *(15396/14)*.

Wara d-dibattitu, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-orjentazzjonijiet u l-isfidi futuri għat-tisjis tar-rinaxximent tal-ispazju Ewropew.

Il-konklużjonijiet iwasslu messaġġ politiku qawwi dwar l-importanza ta' viżjoni Ewropea komprensiva u fit-tul għall-ispazju.

Huma jiffokaw fuq il-prijoritajiet tal-ambizzjoni spazjali Ewropea u fuq l-istrumenti biex jinkisbu dawn il-prijoritajiet. Huma jisħqu wkoll li s-settur spazjali Ewropew għandu jissaħħaħ aktar bħala mutur li jagħti spinta lill-ekonomija Ewropea, waqt li jindika azzjonijiet sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin għat-tweġiba tal-objettivi ta' politika pubblika, il-ħtiġijiet tal-utent u t-talbiet taċ-ċittadini.

Barra minn hekk, huma jindirizzaw il-ħtieġa għal riċerka xjentifika akbar tal-ispazju li tippermetti tkabbir ekonomiku, ħolqien ta' impjiegi u kompetittività industrijali aktar malajr.

Barra minn hekk, il-konklużjonijiet iħeġġu wkoll lill-UE, l-ESA (Aġenzija Spazjali Ewropea) u l-Istati Membri biex jarmonizzaw l-isforzi tagħhom fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi u l-infrastrutturi Ewropej bil-għan li jiġu massimizzati l-benefiċċji għaċ-ċittadini u l-impriżi Ewropej.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisjis tar-rinaxximent tal-ispazju Ewropew: direzzjonijiet u sfidi futuri

**Esplorazzjoni tal-ispazju**

L-astronawta Luca Parmitano qasam mal-Ministri l-esperjenza tiegħu abbord l-Istazzjon Spazjali Internazzjonali (ISS), bħala eżempju tal-importanza tal-isforzi politiċi fit-tellieqa għall-ispazju.

L-astronawtra tal-ESA Luca Parmitano[1], filwaqt li aġixxa bħala l-ambaxxatur għall-politika spazjali waqt is-semestru tal-Presidenza Taljana, qatta' 166 ġurnata fl-ispazju fejn wettaq aktar minn 20 esperiment u ħa sehem f'żewġ mixjiet fl-ispazju u fl-għaqda ta' erba' inġenji spazjali għall-missjoni. Fil-11 ta' Novembru 2013, huwa wasal lura l-art qawwi u sħiħ.

[1] http://lucaparmitano.com/

**AFFARIJIET OĦRAJN**

– ***Pjan ta' investiment għall-Ewropa***

Waqt l-ikla informali ta' ħidma, il-Ministri semgħu preżentazzjoni mill-Viċi President tal-Kummissjoni Jyrki Katainen dwar l-elementi prinċipali tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, li ġie ppreżentat mill-Kummissjoni fis-26 ta' Novembru 2014.

Wara skambju ta' fehmiet, il-Presidenza kkonkludiet li l-messaġġi ewlenin tad-dibattitu ser jinġabru fil-qosor fil-kuntest tat-tħejjijiet għall-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Diċembru, bħala kontribut mill-Ministri għall-Kompetittività.

– ***Pakkett dwar is-sigurtà tal-prodotti u s-sorveljanza tas-suq***

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' żewġ proposti għal regolament dwar s-sorveljanza tas-suq (*5890/13*) u regolament dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur (*5892/13*).

Minkejja l-livell għoli ta' konverġenza milħuq mid-delegazzjonijiet dwar il-pakkett fl-intier tiegħu, hemm kwistjoni politika partikolari pendenti li għadha mhix riżolta. Din tikkonċerna d-dispożizzjoni proposta li tipprevedi l-obbligu li jiġi indikat il-pajjiż ta' oriġini għall-prodotti mhux alimentari.

Numru ta' delegazzjonijiet jikkunsidraw li din id-dispożizzjoni għandha ttejjeb t-traċċabbiltà tal-prodotti u l-informazzjoni tal-konsumaturi. Delegazzjonijiet oħra, min-naħa l-oħra, isostnu li dispożizzjoni li tobbliga l-indikar tal-pajjiż ta' oriġini mhijiex ġġustifikata u tista' tkun ta' piż għall-operaturi ekonomiċi.

Il-Presidenza stiednet lill-Kummissjoni biex tippreżenta aktar evidenza dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-obbligu propost dwar l-indikar tal-pajjiż ta' oriġni bil-għan li n-negozjati jitmexxew 'il quddiem.

Il-Kummissjoni kkonfermat li bħalissa qiegħda tiġbor informazzjoni u evidenza addizzjonali li għandhom jiġu ppreżentati fil-bidu tal-2015 *(16041/1/14 REV 1)*.

– ***Inizjattiva BlueMed***

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza dwar l-inizjattiva "BlueMed" *(15592/14)*.

Din l-inizjattiva għandha l-għan li tikkoordina attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni sabiex tappoġġa lil approċċ sostenibbli ġdid għall-ġestjoni u l-isfruttar tal-potenzjal tas-settur tal-baħar u dak marittimu tal-Baħar Mediterran. S'issa, tmien Stati Membri Mediterranji bdew jikkooperaw skont l-inizjattiva.

– ***Programm spazjali Copernicus***

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali u l-passi li jmiss tal-programm spazjali Copernicus (*16011/14*).

Copernicus ser jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi tal-Ewropa, u ser jipproduċi benefiċċji u applikazzjonijiet konkreti f'ħafna oqsma, bħalma huma l-klima u l-ambjent, is-sikurezza u s-sigurtà marittima, l-agrikoltura u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri, kif ukoll l-ippjanar urban.

Fit-3 ta' April 2014, l-ewwel satellita Copernicus, Sentinel 1A, ġiet illanċjata b'suċċess mill-port spazjali Ewropew f'Kourou, fil-Gujana Franċiża. Data ta' kwalità għolja bdiet tingħata lill-utenti u titpoġġa għad-dispożizzjoni tagħhom fuq bażi sħiħa, miftuħa u mingħajr ħlas.

– ***Eżitu tal-Kunsill ministerjali tal-Aġenzija Spazjali Ewropea***

Il-Kunsill ħa nota tal-eżitu tal-Kunsill ministerjali tal-ESA li sar fil-Lussemburgu fit-2 ta' Diċembru 2014.

Il-laqgħa ffokat fuq tliet suġġetti prinċipali: l-aċċess għall-ispazju, l-Istazzjon Spazjali Internazzjonali u perspettivi futuri għall-ESA.

– ***Programm ta' ħidma tal-Presidenza Latvjana li jmiss***

Id-delegazzjoni Latvjana infurmat lill-Ministri dwar il-programm ta' ħidma tal-Presidenza dwar il-kompetittività għall-ewwel nofs tal-2015.

Il-prijorità ġenerali tal-Presidenza Latvjana hija l-ksib ta' Ewropa kompetittiva, diġitali u impenjata:

http://www.es2015.lv/en/home/446-cabinet-of-ministers-to-present-the-priorities-of-the-latvian-presidency

## PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

### *PROPRJETÀ INTELLETTWALI*

**Infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali**

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jenfasizzaw l-impenn tiegħu fil-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali *(15321/14)*.

Il-konklużjonijiet jappellaw lill-Kummissjoni biex twettaq l-azzjonijiet li jinsabu fil-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ppreżentat fl-1 ta' Lulju 2014 *(11533/14)*, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-partijiet interessati kollha, inklużi d-detenturi tad-dritt, l-intermedjarji u s-soċjetà ċivili.

### *POLITIKA KUMMERĊJALI*

**Arranġamenti kummerċjali preferenzjali - rapport tal-Qorti tal-Awdituri**

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jistiednu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni tal-arranġamenti kummerċjali preferenzjali.

### *RIĊERKA*

**UE-Svizzera - Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika**

Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Isvizzera li jassoċja lill-Isvizzera mal-"Orizzont 2020", il-programm qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għas-snin mill-2014 sal-2020 *(15369/14)*.

Il-ftehim jinkludi t-termini u l-kondizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-programm tal-Euratom 2014-2018 u fl-attivitajiet imwettqa mill-impriża konġunta Ewropea għall-proġett ITER dwar enerġija minn fużjoni nukleari.

Il-ftehim, li ġie ffirmat fil-5 ta' Diċembru fi Brussell, hu applikabbli b'mod retroattiv mill-15 ta' Settembru 2014, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

***AMBJENT***

**Direttiva dwar il-kwalità tal-karburanti - Metodi ta' kalkolu u rekwiżiti ta' rappurtar**

Il-Kunsill iddeċieda li jippreżenta l-abbozz ta' direttiva tal-Kunsill dwar l-iffissar ta' metodi ta' kalkolu u rekwiżiti ta' rappurtar lill-Parlament Ewropew skont id-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil.

Id-direttiva hija soġġetta għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Dment li l-Parlament Ewropew ma jopponix l-adozzjoni tad-direttiva, il-Kunsill ser jadottaha f'konformità mal-Artikolu 5a(4)(g) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

***TRASPORT***

**Trasport kummerċjali bit-triq - klassifikazzjoni ta' ksur serju**

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regolament dwar ksur serju tar-regoli tal-UE fit-trasport kummerċjali bit-triq li jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba tal-operatur tat-trasport bit-triq (*13412/14* + *13412/14 ADD1*). L-abbozz ta' regolament jissupplimenta r-Regolament 1071/2009 u jemenda l-Anness III għad-Direttiva 2006/22/KE.

L-abbozz ta' regolament jistabbilixxi lista komuni ta' tipi u gradi ta' serjetà ta' ksur bħal dan u jipprevedi għall-frekwenza massima ta' okkorrenzi li lil hinn minnha ksur serju ripetut għandu jitqies bħala aktar serju.

Ir-regolament tal-Kummissjoni huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-regolament, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

**Ftehim Interbus: trasport internazzjonali ta' passiġġieri**

Il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza lill-Kummissjoni tniedi negozjati għal ftehim li jkabbar il-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank, il-"Ftehim Interbus, u li jkopri t-trasport internazzjonali regolari ta' passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank.

***SAJD***

**Effettività tal-appoġġ mill-Fond Ewropew għas-Sajd**

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-effettività tal-appoġġ għall-akkwakultura mill-Fond Ewropew għas-Sajd, li jinsabu fid-dokument *15537/14*.